View metadata, citation and similar papers at core.ac.uk

brought to you by CORE

provided by OAR@UM

# Menz f'Narnia: (lil hinn mil)l-Ansjetà tal-Influwenza Letterarja fil-Qari mill-Ġdid tad-Dramm 'Soċjali-Simboliku' ta' Francis Ebejer

**David Aloisio**

david.aloisio@um.edu.mt

**Abstract:** In the relatively short history of Maltese literature and its critique, literary influence was hardly ever understood as an opportunity for critics to explore the relationship, at times unconscious and elusive, between Maltese texts and works written overseas. This study renews the sporadic tradition employed by local critics like Ġu¿è Diacono who drew closer *Il-Fidwa tal-Bdiewa* by Ninu Cremona, a poetic play of high historical value in the Maltese theatre context, with *I Promessi Sposi* by Alessandro Manzoni. Diacono's study can serve as an analytical model of how to recognise the literary influence by a foreign literary work on a Maltese work. This study attempts to modify Diacono's metaphor of "debt," with which he describes the phenomenon of literary influence, to the more positive metaphor of "inheritance," as this evokes a sense of continuity, safeguarding and renewal; it promulgates the idea that the literary wealth is not meant to be lost in the dust-covered books forgotten on shelves but has a dynamic nature as it is inherited from one literary work to another. Writers will remain intrinsically connected, like links in a chain, with what was written before them. Harold Bloom is quite extremist in interpreting the notion of literary influence. He argues that anyone who came after Shakespeare was influenced by him. Is this a misfortune or a blessing? Literary influence, as it has no spatial or temporal limits and is not restricted to one artistic form, is more of an advantage than a form of inevitable curse. It is, above all, a source of inspiration. An artwork can inspire the creation of another artwork.

The main basic assumption is that when Ebejer wrote *Menz* he had already been exposed to the popular narrative *The Lion, The Witch and the Wardrobe* by C.S. Lewis. *Menz* was

performed at the Manoel Theatre, more than a decade after the publication of the work of Lewis. As Ebejer lived and studied in England and was a teacher of English, he was surely au courant of the recent publications within English literature. Hence, it is highly plausible that the Maltese playwright, has read the fictitious narrative set in Narnia. This study is based on the fundamental similarities between these two literary works – a correspondence that in my opinion is a clear manifestation of the literary influence that stimulated Ebejer to produce an original piece of literature. It will show how for Ebejer, the narrative of Lewis served only as an inspirational starting point.

**Keywords:** Menz; Narnia; Francis Ebejer; C.S. Lewis; simboliżmu; letteratura; kritika letterarja; kritika komparattiva; kanonu letterarju; influwenza letterarja; Harold Bloom; ansjetà letterarja; Teatru Malti

Din l-analiżi komparattiva se tesponi l-qrubija narratoloġika bejn id-dramm *Menz* ta' Francis Ebejer (li ttella' għall-ewwel darba fl-1967) u r-rumanz *The Lion, the Witch and the Wardrobe* ta' C.S. Lewis (li ġie ppubblikat fl-1950) billi tistudja l-proċess kreattiv simili li ħaddmu ż-żewġ kittieba. Madankollu, minkejja l-influwenza evidenti, mhuwiex fl-interess ta' dan l-istudju li jasserixxiha. Hawn se nuri biss il-plawsibbiltà li Ebejer, dak iż-żmien għalliem tal-Ingliż imħarreġ fis-St Mary's Training College ġewwa Middlesex, kien espost għall-influwenza letterarja tax-xogħol rinomat ta' Lewis, l-ewwel ktieb li nkiteb u li ġie ppubblikat fis-serje *The Chronicles of Narnia* imma li jiġi t-tieni jekk jitpoġġa fil-mixja kronoloġika sħiħa tas-seba' kotba. It-tressiq analitiku viċin xulxin ta' dawn ix-xogħlijiet se jsir fid-dawl ta' dak li jgħid Harold Bloom dwar l-ansjetà tal-influwenza letterarja[1] u kif din tista' tingħeleb minn awtur ġenjali bħal Ebejer kellu l-ħila jittraxxendi lil Lewis sabiex joħloq xogħol oriġinali ieħor.

Il-qari mill-ġdid ta' *Menz* ġie ispirat mill-bżonn kostanti li nippreżenta lill-istudenti b'interpretazzjoni kritika li timraħ lil hinn mill-immedjatezza ristretta tat-test teatrali. Dan id-dramm, li huwa parti mis-sillabu tal-letteratura fil-livell postsekondarju,[2] u allura mill-preżunt 'kanonu letterarju Malti',[3] jista' jibqa' joffri spunti validi ta'

1 Harold Bloom, *The Anxiety of Influence – A Theory of Poetry* (Oxford, 1997).

2 Deher għall-ewwel darba fis-sillabu tal-MATSEC fl-2012. Ara: ttps://www.um.edu.mt/__data/assets/pdf_file/0005/103973/AM22.pdf.

3 Korp li jista' jkun li jeżisti biss fl-inkonxju kollettiv tal-qarrejja u tal-kritiċi Maltin u li

interpretazzjoni li jżommuh ħaj u attiv bħala xogħol rilevanti kemm għal min qiegħed jistudja l-letteratura Maltija kif ukoll għall-qarrejja każwali. Il-letteratura tista' tipprovdi l-wiċċ għammiel li jqanqal d-dibattitu u r-riflessjoni (individwali jew komunali) billi tixpruna r-riviżitazzjoni u rievalwazzjoni ta' motivi li forsi mhumiex skaduti daqskemm jidhru għal xi wħud li jiddarrsu meta jisimgħu li l-letteratura tista' tittrażmetti xi tip ta' valur jew ieħor.

Il-qrubija ermenewtika bejn dawn ix-xogħlijiet tipprovoka l-mistoqsija: Jekk dawn iż-żewġ xogħlijiet artistiċi huma apparentament distinti u distanti (tant illi ħadd qabel ma' xebbahhom flimkien), is-similitudni ta' bejniethom hija biss konċidentali? It-teżi tiegħi hija li Ebejer qara x-xogħol ta' Lewis u saħansitra tnebbaħ minnu biex sawwar it-test tad-dramm. Irrid nagħmel premessa: hawn b'ebda mod ma qiegħed nitkaża b'xi tip ta' plaġjariżmu. Anzi, din hija opportunità tad-deheb biex jiġi esplorat il-proċess konjittiv tal-influwenza letterarja mġarrab anke minn kittieb tal-kalibru ta' Ebejer li kien kapaċi jmur lil hinn mill-ikkupjar u juża l-kapulavur ta' kittieb kreattiv bħal Lewis biex ixettel l-ispirazzjoni personali. Għaldaqstant, Ebejer jirnexxilu jegħleb l-ansjetà tal-influwenza letterarja ta' *The Lion, the Witch and the Wardrobe* u joħloq xogħol uniku u validu. Dan iseħħ, primarjament, meta Ebejer għadda mill-allegorija reliġjuża ta' Lewis għal allegorija soċjali. Hija l-mixja mill-moralità Nisranija għall-etika umanistika. Lewis ried jirrikontestwalizza l-ġrajja ta' Kristu filwaqt li Ebejer ried jirrikontestwalizza l-ġrajja ta' Lewis u japplikaha mill-ġdid għall-qagħda mwiegħra tal-individwalist li jittanta jissopravvivi f'soċjetà oppressiva.

Is-sottotitlu awtodefinittiv li bih Ebejer jiddeskrivi d-dramm bħala 'soċjali-simboliku,' apparti li jantiċipa l-kumment soċjali li joffri d-dramm, jenfasizza wkoll l-għodda ewlenija mħaddma mid-drammaturgu Malti. Is-simboliżmu Ebejerjan huwa fil-fatt elaborazzjoni tas-simboliżmu Kristjan ta' Lewis. Huwa kurjuż il-fatt li Ebejer, meqjus bħala missier it-teatru modern Malti u parti essenzjali mill-qawmien letterarju Modernista tas-sittinijiet, irrikorra għal motivi Nsara, u allura Romantiċi,[4] u rriċiklahom fil-proċess tal-kitba ta' *Menz*. Difatti

fattwalment, bħal f'ħafna pajjiżi oħra, jibqa' biss kunċett fluwidu li jiġġenera dibattitu perpetwu.

4 Dwar l-influwenza Romantika fil-kitbiet Modernisti ara l-istudju interessanti ta' Immanuel Mifsud, 'Fili: Ir-Romantiċiżmu modern tal-Moderni' f'*Fora Melitensia*, 2005.

l-allużjonijiet bibliċi ta' Ebejer huma fost l-aktar karatterisitiċi testwali li jqarrbu dan id-dramm lejn ir-rumanz ta' Lewis. Il-karatterizzazzjoni reminixxenti tal-protagonisti, Aslan ta' Lewis u Ġorġ ta' Ebejer, hija l-paradimma tal-għodda allegorika li spiss jirrikorru għaliha iż-żewġ kittieba. Il-mewt ta' Aslan u Ġorġ tiġi eżaltata bħala forma ta' redenzjoni; is-sagrifiċċju personali, b'analoġija ċara mal-mewt ta' Kristu, iwassal għas-salvazzjoni tal-oħrajn. Iż-żewġ awturi ma jillimitawx lill-karattri ewlenin tagħhom bil-mewt fiżika; Aslan u Ġorġ jittraxxenduha. Fil-mument tad-*denouement* taż-żewġ narrattivi tiddomina t-tema ċentrali għat-Testment il-Ġdid tar-rebħa tal-ħajja fuq il-mewt. Il-Mejda Ħaġrija (*Stone Table*) tixxaqqaq hekk kif Aslan iqum mill-mewt u, fi kliem Tereża, is-sagrifiċċju ta' ħajjet Ġorġ iwassal biex 'jixxaqqaq il-ħajt',[5] diskors li istantanjament ifakkar fit-testi tal-passjoni ta' Kristu.[6]

## Menz f'Narnia: Karatterizzazzjoni reminixxenti

<table>
<tr><th>Ġorġ</th><th colspan="2">Menz</th><th colspan="2">Tereża</th></tr>
<tr><td rowspan="2">Aslan</td><td>Edmund</td><td>Peter</td><td rowspan="2">Lucy</td><td rowspan="2">Susan</td></tr>
<tr><td colspan="2">(il-Professur Kirke)</td></tr>
</table>

| Ludilla B. | Il-Kennies | Il-Pulizija |
|---|---|---|
| *Ir-Reġina Saħħara* | *Tumult* | *Maugrim* |

5 'Mela tassew li beda jixxaqqaq il-ħajt! U għad iżid bis-saħħa ta' Ġorġ' (*Menz*, 99). Ir-riferenzi ghal *Menz*, huma meħuda mill-edizzjoni tal-2010, ippubblikata minn Klabb Kotba Maltin.

6 Ara Mattew 27, v. 51–2: 'U ara, il-purtiera tas-santwarju ċċarrtet fi tnejn minn fuq s'isfel; *l-art theżhżet, il-blat inqasam,* u l-oqbra nfetħu, *u qamu ħafna iġsma ta' qaddisin li kienu mietu*, li ħarġu mill-oqbra u wara *l-qawmien tiegħu* daħlu fil-Belt imqaddsa u dehru lil bosta nies' (Il-korsiv huwa tal-awtur prezenti).

L-analoġija allegorika ta’ Aslan u ta’ Ġorġ mal-figura ta’ Kristu tissaħħaħ aktar mal-mixja narrattiva taż-żewġ xogħlijiet rispettivi. Madankollu, ma jfissirx li l-mewta erojka u r-redenzjoni jagħmlu lil Ġorġ kopja identika ta’ Aslan. Ġorġ huwa differenti wkoll: għandu natural asoċjali u eċċentriku u l-karatteristiċi karatterjali tiegħu joqrobu aktar lejn dawk tal-antieroj fil-letteratura Maltija Modernista, kontemporanja għaż-żmien meta nħoloq. Aslan jibqa’ l-eroj perenni u kostanti li jirradja kostantament it-tjubija. Madankollu, apparti s-sehem ċentrali u simili ta’ Aslan u Ġorġ fiż-żewġ xogħlijiet, il-qari parallel jista’ jkompli jikxef aktar analoġiji karatterjali. Huwa evidenti, primarjament minħabba d-don tal-għerf u l-abbiltà biex jipprovdi l-parir siewi fil-kapaċità tiegħu ta’ *confidant*, li l-karatterizzazzjoni ta’ Menz, il-personaġġ epinomu tad-dramm Ebejerjan, hija mfassla fuq l-arketip Jungjan tax-xiħ-għaref. F’Lewis dan l-arketip jiġi mlaħħam ukoll permezz tal-karattru tal-Professur Kirke, l-anzjan imdawwal, intellettwalment superjuri mill-bqija u għaldaqstant solitarju. It-tnejn huma mfittxijin għall-parir: Kirke jiġi mistoqsi dwar is-sigriet ta’ Narnia mit-tfal u Menz isir il-*confidant* intimu ta’ Tereża (u anke ta’ Ġorġ). Iżda s-somiljanza ta’ Menz fid-dinja ta’ Narnia, fil-fehma tiegħi mhijiex ristretta biss għal dan il-karattru marġinali (fil-kuntest ta’ *The Lion, the Witch and the Wardrobe*); minkejja l-età avvanzata, Menz jinkorpora fih ukoll elementi assoċjati mat-tfal, bħal-libertà psikoloġika, il-gost tal-iskoperta, ix-xenqa biex tinkiser ir-regola u d-dipendenza fuq l-omm. Il-personalità ambivalenti ta’ Menz hija għalhekk imfassla fuq dik ta’ żewġ karattri tfal, tnejn mill-erba’ protagonisti Pevensie. In-naħa stojka tal-karattru ta’ Menz toqrob lejn il-karattru ġust, stinat u qalbieni ta’ Peter, filwaqt li n-naħa dgħajfa u malleabbli ta’ Menz tista’ tingħaraf fid-dawl tal-karatterizzazzjoni ta’ Edmund. Menz jibqa’ stinat quddiem l-avvanzi provokattivi tal-antagonisti tiegħu imma jkun debboli quddiem Ludilla B., il-gvernatur tal-belt li xxidd il-maskra ta’ omm ħanina, dejjem lesta tipprovdi għal kull bżonn tas-sudditti tagħha. Edmund ukoll iċedi għar-Reġina Saħħara li intuwittivament tagħraf il-vulnerabbiltà karatterjali tiegħu u tixtrih bit-*Turkish Delight* (lakumja).

Donnu Ebejer ma ekonomizzax biss fit-tul tar-rakkont imma għamel l-istess fil-karatterizzazzjoni billi ħoloq karattru singolu bl-isfumaturi taż-żewġ subien protagonisti ta’ Lewis. Iktar minn Lewis (li joħloq żewġ karattri separati u distinti), Ebejer jinkorpora fil-karattru

uniku ta' Menz id-duttrina antiteka Kristjana tal-ġisem u ruħ. Dan id-duwaliżmu jissarraf f'karattru tond, u realistiku, li f'mumenti jżomm sod mal-prinċipji li dejjem ħaddan iżda f'mumenti oħrajn iċedi taħt pressjoni psikoloġika u soċjali. Min-naħa l-oħra, iż-żewġt itfal l-oħra, Susan u Lucy, il-protagonisti femminili ta' Narnia, jistgħu jitqiesu bħala l-mudelli li nbena fuqhom il-karattru ta' Tereża – wieħed mill-iprem karattri Ebejerjani. Il-ħlewwa u r-reżiljenza femminili ta' Lucy u Susan huma evidenti f'Tereża. Tereża toffri l-ottika bbilanċjata bejn l-ideoloġiji soċjali estremi li jippreżenta d-dramm *Menz*; hija l-personalità femminili b'saħħitha (tipikament Ebejerjan)[7] li kapaċi ssib il-kompromess u, bħal Susan u Lucy, tinqala' biex trażżan lil dawk qrib qalbha, tipproteġihom u tindikalhom l-aħjar soluzzjoni. Fuq kollox, Tereża hija dik li, bħall-protagonisti tfal ta' Lewis, tagħder id-dgħufija umana u jirnexxilha tibqa' leali sal-aħħar.

Fil-ġlieda dejjiema tat-tajjeb kontra l-ħażen li tiddomina t-tematika taż-żewġ narrattivi tispikka, fuq in-naħa antagonista, il-figura tal-*femme fatale* bir-rwol essenzjali li jisseduċi b'qerq u b'effiċjenza lill-protagonist. Ir-Reġina Saħħara tittanta lil Edmund bit-*Turkish Delight*, il-Gvernatur Ludilla B. tagħmel l-istess ma' Menz bil-pasti, żewġ tentazzjonijiet li inċidentalment jevokaw il-frotta tal-Ġenesi. Ebejer jkompli iseddaq is-simboliżmu enigmatiku tal- *femme fatale* tiegħu permezz tal-isem li jattribwixxilha. Ħadd mill-karattri ta' fuq il-palk, u lanqas mill-udjenza, ma jsir jaf xi tfisser l-inizjali 'B.' fil-mod ta' kif isejħulha s-sudditti. Il-karattru Ebejerjan, bħal dak ta' Lewis (għall-ewwel il-ħakkiema qarrieqa tippreżenta ruħha bħala 'r-Reġina ta' Narnia' imma gradwalment, matul il-mixja narrattiva, tiġi esposta n-natura qarrieqa ta' saħħara), iħaddan identità mċajpra u mistura. Is-sudditti tagħha jridu jitqannew bis-'sigriet statali' (*Menz*, 32), dak is-sens ta' segretezza u nuqqas ta' trasparenza li jipproteġi l-ħajja tal-mexxej imma li jqanqal sens ta' suspett.

Apparti l-analiżi tal-inizjali, ta' min jistħarreġ ukoll l-għażla u l-etimoloġija tal-isem 'Ludilla.' L-eqreb isem korrispondenti għalih huwa dak ta' 'Ludmilla', isem ta' oriġini Slovakka msawwar minn żewġ partijiet, '*lud*' (il-poplu) u '*mila*' (għall-qalb). Din il-mexxejja li *prima facie* tidher 'għall-qalb il-poplu' kapaċi timmanipula lil ħaddieħor billi malajr tindefikalu l-għarqub ta' Akille. Kemm Ludilla B.

7 Biżżejjed tara l-karattri Ebejerjani ta' Rużann u ta' Marija f'*Il-Ħarsa ta' Rużann.*

kif ukoll ir-Reġina ta' Narnia jagħrfu x'hemm nieqes fil-ħajja ta' Menz u Edmund rispettivament u jwiegħdu li se jagħmlu tajjeb huma għalih. Fost is-servi indottrinati tal-ħakkiema, hemm aktar xebh karatterjali. Il-Kennies, l-ewwel karattru (sekondarju) li jilqa' lil Menz meta jasal fil-belt Ebejerjana, ifakkar f'Tumult, l-ewwel karattru Narnjan li tiltaqa' miegħu Lucy, li wkoll jaqdi r-rwol ta' spija għall-ħakkiema. Il-Kennies u Tumult huma mqabbdin ikunu l-widna obbligata tirrapporta kull ċaqliqa suspettuża, b'mod speċjali jekk din tkun ġejja mid-dinja esterna. Hawn għandna rappreżentazzjoni taċ-ċittadin ċkejken vittma tal-biża' trażmessa mill-potenti – huwa l-individwu bla saħħa li twemminu u l-konvinzjonijiet personali tiegħu jiġu kompromessi sforz it-theddid tar-retribuzzjoni.

## Mixja narrattiva parallela

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Menz jasal bil-ferrovija u jidħol fil-belt | Il-laqgħa mal-ewwel sudditu: il-Kennies | It-tentazzjoni tal-pasti | Il-waqgħa temporanja: Ludilla tikkondizzjona lil Menz | Ġorġ bħala l-iprem theddida għall-ħakma ta' Ludilla |
| *It-tfal jaslu bil-ferrovija u jidħlu fir-renju (mill-gwardarobba)* | *Il-laqgħa mal-ewwel sudditu: Tumult* | *It-tentazzjoni tat-*Turkish Delight | *Il-waqgħa temporanja: Ir-Reġina tikkondizzjona lil Edmund* | *Aslan bħala l-iprem theddida għall-ħakma tar-Reġina* |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Ġorġ imut minħabba Menz (qtil-spettaklu) | Ġorġ immortali: l-ispirtu tiegħu jġib bidla fl-abitanti | Tereża tisqi l-antitodu (għat-tradiment) lil Menz | Il-prefigurazzjoni tal-ġlieda finali bejn il-forzi tat-tajjeb kontra il-forzi tal-ħażen | Ir-rebħa (ssuġġerita) tal-forzi tat-tajjeb |
| *Aslan imut minħabba Edmund (qtil-spettaklu)* | *Aslan immortali: iqum u jġib bidla fl-abitanti* | *Lucy tisqi l-antitodu (għat-tradiment) lil Edmund* | *Il-ġlieda finali bejn il-forzi tat-tajjeb kontra il-forzi tal-ħażen* | *Ir-rebħa tal-forzi tat-tajjeb* |

Minkejja is-somiljanzi notevoli fil-proċess ta' karatterizzazzjoni, l-akbar turija ta' influwenza letterarja tinħass fil-binja korrispondenti tal-plott. Iż-żewġ rakkonti jibdew bl-introduzzjoni ta' suġġett barrani, jew 'frustier' (*Menz*, 12, 13, 15, 18), f'realtà soċjali oħra. Dan il-barrani (jew barranin fil-każ ta' Narnia) huwa deprivat mill-kura diretta tal-ġenituri (b'enfażi fuq l-figura tal-omm), vojt fiżiku u psikoloġiku li fiż-żewġ każijiet jimtela mill-ħakkiema opportunista u manipulatriċi. Kemm it-tfal tal-familja Pevensie, kif ukoll Menz, jiġu ttrasportati fir-realtà ġdida permezz tal-ferrovija. Skont Downing, Lewis ġie ispirat minn esperjenza reali: fl-1939 ra b'għajnejh il-miġja fil-Kilns (fejn kellu r-residenza tiegħu) ta' tfal evakwati minħabba t-Tieni Gwerra Dinjija[8] (p. ix). Il-motiv ta' persuni trażlokati, motiv li fiċ-ċirkostanzi nazzjonali tagħna, bħala gżira li tospita ħemel ta' nies provenjenti minn ambjenti soċjali oħra, għadu rilevanti sal-lum, jitħaddem ukoll bħala motiv-ċavetta li jintroduċi l-problematika ewlenija tad-dramm Ebejerjan, jiġifieri l-addattament tal-istranġier u r-riskju tal-isfruttament fil-konfront tiegħu minn min jospitah.

Il-mument klajmatiku fil-mixja narrattiva Ebejerjana tal-laqgħa bejn Menz u l-Gvernatur Ludilla B. jevoka l-istanti meta fil-bidu tar-rumanz Edmund jiltaqa' ma' dik li tippreżenta lilha nnifisha bħala r-Reġina ta' Narnia. Fiż-żewġ ċirkostanzi għandna personalità li tuża s-superjorità konjittiva tagħha biex tabbuża minn min hu taħtha soċjalment. B'intuwizzjoni straordinarja tagħraf l-aktar bżonn imminenti tas-sudditu u tipprovdilu soluzzjoni li tiggratifikah istantanjament – il-metodu li jinħassu r-reżonanzi tiegħu fil-klijentaliżmu li lokalment għadu attiv u meqjus bħala mod effettiv ta' kif politiku jixtri l-voti bl-irħis, jew, inċidentalment, bil-*hampers*. It-*Turkish Delight* ta' Lewis issir il-pasti ta' Ebejer – is-simbolu tal-konvenzjoni, tad-dipendenza, u taċ-ċaħda tal-libertà intellettwali. Apparti x-xenqa għal dan l-ikel ħelu ta' valur nutrittiv fqir, iż-żewġ manipulatriċi jagħrfu li l-vittmi tagħhom isofru minn nuqqas psikoloġiku kroniku – in-nuqqas tal-preżenza materna, b'Menz li huwa evidentament ikkondizzjonat mill-Kumpless Edipiku. Fiż-żewġ każijiet, il-ħakkiema opportunista timla dan il-vakwu emottiv konvenjentament bil-preżenza fiżika tagħha. Ir-Reġina ta' Narnia mhix kuntenta li ħatfet lil Edmund biss iżda trid lil ħutu

8 David Downing, *Into the Wardrobe: C. S. Lewis and the Narnia Chronicles* (San Francisco, 2005).

wkoll bħalma Ludilla B. trid taħtaf kompletament ukoll iż-żewġ naħat tal-psike ta' Menz: in-naħa Edmunjana li tissodisfa x-xewqat naturali (iddominata mill-istint) u n-naħa, assoċjata mal-karattru ta' Peter, li tissodisfa l-għatx konjittiv (iddominata mir-raġuni). Kemm ir-Reġina kif ukoll Ludilla B. ifallilhom il-pjan – it-tfal l-oħra ma jinqabdux mir-Reġina u Menz ma jinħakimx totalment mill-paraliżi psikika u mill-indottrinazzjoni ta' Ludilla B. u beltha.

F'Kapitlu 7 tar-rumanz ta' Lewis ifeġġ il-karattru sekondarju tal-Beaver li jibża' mill-ispiji tar-Reġina Saħħara; dan ukoll huwa reminixxenti tal-ispiji li skont Tereża jinsabu f'kull rokna tal-belt Ebejerjana, 'Tħarisx, imma ninsabu mdawrin minn kotra nies – warajna, f'kull ġenb, qisu kullimkien, ċirku sħiħ madwarna, iħarsu lejna' (*Menz*, 19). Il-Beaver u l-protagonisti tfal jieklu l-ħut, filwaqt li Menz jiekol il-ħobż u jixrob l-inbid – kemm il-ħut kif ukoll il-ħobż u l-inbid huma simboli assoċjati mill-qrib mal-Kristjaneżmu u jalludu għal episodji bibliċi, bħall-miraklu tal-ħames ħobżiet u taż-żewġ ħutiet jew bħall-episodju kruċjali tal-aħħar ċena. Dan l-ikel huwa essenzjali għall-bniedem kemm fuq livell fiżiku kif ukoll, mill-perspettiva simbolika-Kristjana, fuq livell spiritwali, f'kuntrast mat-*Turkish Delight* u l-pasti li joffru l-mexxejja ta' din l-art li kapaċi jmantnu biss ix-xejriet mundani tal-ħajja tal-bniedem. Dan id-didattiċiżmu sottili u mistur ta' Lewis jenfasizza punt essenzjali – il-bniedem li jiżbalja ma għandu qatt jaqta' qalbu mill-ħniena divina. Kulħadd għandu ċans jifdi lilu nnifsu bħal Edmund li ntebaħ li għażel ħażin u ngħata l-opportunitŕ jerġa' jingħaqad mal-kawża ta' Aslan u bħal Menz li minkejja li f'Att 2 deher li ċeda għall-pressjoni tal-belt, fl-epilogu Ebejerjan nintebħu li ma ċediex għal kollox u baqa' jagħmel parti mill-kawża individwalista. Hawn Edmund u Menz jevokaw it-tradiment ta' San Pietru u r-rikonċiljazzjoni sussegwenti tiegħu.

Il-mument li fih Ġorġ isir popolari minħabba l-arrest u, konsegwentament, il-qtil tiegħu, ifakkar fiż-żmien tar-rebbiegħa li fih il-ħlejjaq ta' Narnia ċċelebraw il-miġja ta' Aslan. Dan huwa l-mument fundamentali tant mistenni li Lewis ried li jiġi assoċjat immedjatament mal-miġja ta' Kristu, il-Feddej tal-ħolqien kollu. Dan jagħmlu bl-inseriment kurjuż tal-karattru ta' Santa Klaws li jimmarka l-festa tal-Milied, festa li ġiet abolita matul ir-renju tar-Reġina Saħħara u li issa saret timplika ż-żmien tal-bidla. F'Kapitlu 11 l-annimali ta' Narnia jagħmlu

festin minħabba l-miġja ta' Aslan u l-Milied; fl-att finali tad-dramm Ebejerjan, il-bidla fil-poplu minħabba Ġorġ tinħass fi kliem Tereża u saħansitra fuq fomm Razz, 'Fil-belt hemm nuqqas ta' kwiet. In-nies ma nafx kif qed narahom' (*Menz*, 100). Ta' min jinnota li Menz, l-instigatur ta' din il-bidla, huwa wkoll influwenzat mill-karatterizzazzjoni ta' Santa Klaws – bħalu ġarr xkora mimlija oġġetti simboliċi li ħariġhom ftit ftit f'mumenti opportuni matul il-mixja narrattiva.

F'Kapitlu 13 ta' *The Lion, the Witch and the Wardrobe* isseħħ il-laqgħa kulminanti bejn il-kapijiet antitetiċi tat-taqbida morali, Aslan u r-Reġina, laqgħa li tikkorrispondi ma' dik bejn Ġorġ u Ludilla B. fi tmiem Att 2 tad-dramm Ebejerjan (li preċedentament fl-istess att ġiet antiċipata bil-laqgħa bejn Menz u l-istess Ludilla, liema laqgħa kellha eżodu oppost għal dik bejn Ġorġ u Ludilla). Ir-rebħa apparenti tal-forzi tal-ħażen fuq it-tajjeb twassal intenzjonalment għal antiklajmaks temporanju fil-mixja narrattiva taż-żewġ xogħlijiet. Il-konklużjoni effettiva u utli tal-laqgħa hija li l-eroj huwa obbligat jagħti ħajtu għat-traditur; hekk Aslan kellu jiġi ssagrifikat flok Edmund u Ġorġ flok Menz. Hawn l-allegorija Kristjana tiċċara aktar ruħha – il-motiv ċentrali tar-redenzjoni tal-ieħor permezz tas-sagrifiċċju personali tas-suġġett hija imfassla fuq il-misteru tas-salvazzjoni ta' Kristu. Paradossalment, il-mewt twassal għall-fidwa morali ta' dawk li jitħallew ħajjin – il-perspettiva antipoda tal-ħajja mibnija fuq kliem Kristu stess, 'Tassew tassew ngħidilkom, jekk il-ħabba tal-qamħ ma taqax fl-art u tmut, hi tibqa' weħidha; imma jekk tmut, tagħmel ħafna frott.'[9] Ġorġ jinqatel u permezz tiegħu titqanqal il-mewġa għall-fidwa tal-belt kollha; Tereża wkoll tiġi lliberata fuq livell binarju – dak personali (issolvi l-kunflitt amoruż) u dak soċjali (issolvi d-duwaliżmu ideoloġiku li kien qed jifniha). Minkejja li issa f'periklu fiżiku imminenti, din it-taħlila tissarraf f'Tereża li taf lil min trid u xi trid. L-istess Edmund. Wara l-antiklajmaks, f'Kapitlu 15 jintlaħaq b'mod emfatiku l-klajmaks narrattiv meta Aslan iqum u jirbaħ lill-mewt, klajmaks li Ebejer jissuġġerih biss permezz tal-karattri tiegħu li jittamaw f'qawmien spiritwali fil-belt li jwassal għar-rebħa fuq il-forzi tal-ħażen ippersonifikati f'Ludilla B.

Paralleliżmi oħrajn mad-dramm *Menz* jispikkaw ukoll fil-qari tal-aħħar żewġ kapitli tar-rumanz ta' Lewis. F'Kapitlu 16, Aslan jonfoħ fuq l-istatwi tal-ġebel u dawn jieħdu l-ħajja mill-ġdid. Ebejer ukoll ipoġġi statwa ta' annimal li tibqa' preżenti tul it-tliet atti tad-dramm. Huwa jagħżel l-istatwa

9 Ġw:12:24

ta' Pegasu sabiex iżżejjen simbolikament il-funtana tal-pjazza. Bħal fil-każ ta' diversi annimali fantastiċi li jutilizza Lewis,[10] Ebejer jagħżel ukoll dan l-annimali mitoloġiku biex jissimbolizza l-fatt li xi darba din il-belt kienet ħajja spiritwalment. Xi darba Pegasu, bħall-annimali Narnjani, kien jiċċaqlaq (u saħansitra jtir) imma ġie kkastigat u sar vittma ta' inkanteżmu qarrieqi. Issa li Pegasu tilef il-kapaċità li jtir, u saħansitra tgħabba b'sarġ, jimplika li ċ-ċittadini tilfu l-kapaċità li jkollhom rajhom f'idejhom. Fi kliem Menz innifsu, 'It-tron fuq dahar iż-żiemel tal-ġwienaħ. Miskin, min jaf kemm ilu ma jinqata' mill-art. Rabba' l-għeruq fl-art, u ġwinħajh issa, x'jiswew iktar? Tiżjin biss. Biċċa xogħol maħsuba sewwa. Tapit aħmar, u żiemel min jaf kemm hu xiħ, ikrah, imma darba kellu l-ġwienaħ' (*Menz*, 50, 51). Hemm bżonn ir-riħ tal-bidla, ir-riħ bħal dak li nefaħ Aslan fuq l-annimali ġeblija jew bħalma Alla nefaħ fuq il-forma taflija ta' Adam. Fl-aħħar kapitlu ta' *The Lion, the Witch and the Wardrobe* hemm ukoll analoġiji interessanti mad-dramm Ebejerjan. Hawn Lucy tisqi l-antitodu maġiku lil Edmund it-traditur biex isalvah fiżikament u spiritwalment; hekk ukoll Tereża tisqi lil Menz l-antitodu tagħha (jiġi ssuġġerit li dan huwa kompost minn taħlita ta' kafe u velenu) biex issalva spiritwalment lil Menz. Hawn Ebejer, li mhuwiex ristrett mil-limiti morali assoċjata mal-letteratura għat-tfal, jinkludi fil-final is-suġġett kontradittorju tal-ewtanażja u jippreżentah minn ottika pożittiva. L-għan jiġġustifika l-mezz u t-tajjeb jirrenja finalment fuq livell personali. Paradossalment, it-tmiem drammatiku huwa pożittiv: in-naħa Edmundjana ta' Menz tingħeleb mill-ispirtu determinat reminixxenti ta' Peter. Fi kliem Tereża, l-ispirtu individwalista jibqa' rebbieħ għall-eternità,

> M'għelibtuhx. Kissirtuh, għaffiġtuh, imma ma għelibtuhx. Ġorġ … Ġorġ … mhux għalxejn … Ma stajtu tagħmlu xejn ma' dan [Menz], u qiegħda nifraħ. Xwejjaħ, xwejjaħ, ta' spirtu! U miet … miet (tagħmel idejha ma' wiċċha) għax għażel hu stess li jmut, ġiegħel lilu nnifsu jmut … ħieles … imjassar minn ħadd … (*Menz*, 104).

10 Il-figura mitoloġika ta' Pegasu ġiet użata wkoll minn Lewis fl-ewwel ktieb (kronoloġikament) tan-narrattiva ta' Narnia, *The Magician's Nephew*; din il-kreatura titkellem issemmiet Fledge minn Aslan fil-mument li ngħatawlha l-ġwienaħ; qabel ma' wasal f'Narnia, Fledge kien fil-fatt jismu Strawberry. Fledge kellu l-inkarigu jġorr lil Digory (fil-fatt dan huwa l-Professur Digory Kirke meta kien żgħir) u Polly, żewġ karattri tfal oħra lejn il-ġnien mistur fil-muntanji fejn Digory ġie akkużat li qata' tuffieħa (ovvjament hawn titħaddem l-allużjoni biblika tal-ġrajja ta' Adam u Eva fil-Ġnien tal-Eden). Inċidentalment, Digory u Polly kienu qed jippruvaw jeħilsu mill-Imperatriċi Jadis li eventwalment saret magħrufa bħala s-Saħħara l-Bajda. Strawberry sar missier iż-żwiemel kollha li jtiru f'Narnia.

## Temi u motivi korrispondenti

In-natura politematika taż-żewġ xogħlijiet tippermetti l-inkorporazzjoni ta' għadd ta' temi, komuni bejniethom, li jolqtu l-esperjenza umana mill-qrib, fosthom it-tradiment, il-fiduċja, it-trasformazzjoni, il-kollaborazzjoni, il-kuraġġ u ċ-ċediment quddiem l-avversità. Imbagħad hemm it-tema ċentrali u prominenti tat-taqbida bejn it-tajjeb u l-ħażin li, bħal fil-każ ta' ħafna xogħlijiet letterarji oħrajn, tiddomina ir-rumanz u d-dramm diskussi f'dan l-istudju. Kemm ir-renju ta' Narnia kif ukoll il-belt anonima ta' *Menz* huma maħkumin minn dittatorjat li *prima facie* jidher li huwa permanenti. Fir-rumanz ta' Lewis dan jimmaterjalizza ruħu f'xitwa eterna mingħajr qatt ma jasal il-Milied; fid-dramm ta' Ebejer dan ifisser żmien ta' staġnar perpetwu fl-aspetti kollha tal-ħajja soċjali. Fiż-żewġ xenarji tinħass il-prefigurazzjoni tal-bidla radikali. Il-miġja minn barra tal-protagonisti tfal u ta' Menz (ilkoll ġejjin minn realtà esterna għall-ambjent soċjali) isservi ta' katalista li tixpruna lil Aslan u lil Ġorġ (li minn ewl id-dinja kienu jagħmlu parti mill-imsemmi ambjent soċjali) biex jirreaġġixxu kontra l-qagħda mwiegħra li fiha kienu jinsabu n-Narnjani u l-beltin rispettivament.

Motiv li wkoll huwa prevalenti fiż-żewġ narrattivi huwa dak tal-gula. Il-konsum tal-ikel fl-eċċess, fil-kuntest tal-konsiderazzjoni tal-idea Aristoteljana li l-aħjar triq hija dik tan-nofs għax dak kollu li huwa fl-eċċess jagħmel ħsara lill-bniedem, jintuża bħala motiv ċentrali minn Lewis u minn Ebejer sabiex jesponi d-dgħufija karatterjali ta' Edmund u Menz. F'kuntrast mal-frotta, illustrata tradizzjonalment bħala tuffieħa, li biha ġie ttantat il-bniedem fil-Ġenesi, iż-żewġ kittieba mistħarrġa għażlu ikel kaloriku u nieqes min-nutrijenti siewja għall-ġisem bħala dimostrazzjoni tal-qerq tal-ħakkiema tiranna li mhux biss tinganna lis-sudditti tagħha imma li gradwalment iddgħajfilhom saħħithom u tikkunsmahom psikoloġikament.

Motiv komuni ieħor li tħaddem similarment minn Lewis u minn Ebejer huwa l-motiv tas-simboliżmu mitoloġiku bl-iskop li l-awturi jkunu anqas didattiċi u iktar kreattivi f'kitbiethom. Minkejja l-fama ta' apoloġista tal-Kristjaneżmu, Lewis ma tnaffarx milli juża simboliżmu mitoloġiku misluf minn reliġjonijiet pagani fil-ħolqien tal-allegorija Nisranija, tant li xi kritiċi jikkategorizzaw xogħlu fil-garżella tal-

mitoloġija Kristjana.[11] Fost il-ħafna karattri mitoloġiċi li jippopolaw ir-renju ta' Narnia, apparti l-utilizzazzjoni għaqlija ta' Pegasu, tispikka l-figura mitoloġika tal-*faun* – minn qaddu 'l fuq, Tumult huwa bniedem u minn qaddu 'l isfel huwa annimal. Ebejer jaddotta b'inverżjoni din l-immaġni; fil-bidu tad-dramm, fl-edizzjoni ppubblikata fl-2010, f'didaskalija kurjuża hemm imniżżel,

> Waqt il-provi, l-awtur li kien qed jagħmilha wkoll ta' producer[12], ġieh il-ħsieb li lil tal-lukanda u tat-taksi jxiddilhom maskri, wieħed ta' mogħża u l-ieħor ta' ħanżir. Għaldaqstant il-brieret imsemmija fl-iskript ma ntużawx. (*Menz*, 3)

Iktar minn hekk, f'riċensjoni li dehret f'gazzetta tal-1967, is-sena li *Menz* ittella' fuq il-palk għall-ewwel darba, huwa ddokumentat li waqt id-dramm, preċiżament fil-mument tal-mewt ta' Menz, dawn 'iż-żewġ rappreżentanti tas-soċjetà lebsin il-maskri nieżlu fuq erba' saqajn' biex jeżaltaw it-telfa (apparenti) tal-għadu tagħhom. Inċidentalment, f'dan l-artiklu qasir u kif jixhed it-titlu tiegħu ('Menz: From the Houyhnhnms to Animal Farm'), Scerri jpoġġi lid-dramm ta' Ebejer 'x'imkien bejn Swift u Orwell', b'referenza għax-xogħlijiet tagħhom *Gulliver's Travels* u *Animal Farm* – żewġ rumanzi li wkoll jutilizzaw annimali antropomofrizzati.

Ġorġ, li jħares lejn iċ-ċittadini bħala estensjoni tal-mexxejja tagħhom, fl-aqwa waqtiet tas-sovverżjoni u tal-konfrotazzjoni tiegħu magħhom, juża wkoll dan is-simboliżmu annimalesk. Spiss jgħajjarhom 'nagħaġ' u jimita l-ħoss ta' dan l-annimal meta jindirizzahom ('Hawn mhux post in-nagħaġ. Beeeeeeq! Ħufffff, Ħufffff! Arahom')[13] għax in-natura psikika taċ-ċittadini, fi ħsieb Ġorġ, hija aktar ovina milli umana. Lewis juża wkoll il-motiv tal-pitirross fin-narrattiva tiegħu – element ieħor assoċjat mat-tradizzjoni Nisranija. Flok il-pitirross, Ebejer juża għasfur ieħor marbut mal-istess tradizzjoni. Is-serduk, bis-simboliżmu skontat tiegħu, jidden tliet darbiet biex jimmarka l-mument li fih Menz ittradixxa l-kawża individwalista.

11 Ara, pereżempju, Martha C. Sammons, *A Far-off Country: A Guide to C.S. Lewis's Fantasy Fiction* (Michigan, 2000).
12 Godwin Scerri, 'Menz: from the Houyhnhnms to Animal Farm', *Malta News*, 4 ta' Diċembru 1967.
13 *Menz*, 31.

## Menz lil hinn minn Narnia

Fi kliem Harold Bloom, Ebejer ifarfar minn fuqu l-ansjetà tal-influwenza letterarja ta' Lewis b'diversi strateġiji narrattivi sabiex, minkejja s-somiljanzi analizzati, jirrendi x-xogħol tiegħu oriġinali u uniku. Dan twettaq, essenzjalment, meta Ebejer mexa mill-allegorija reliġjuża ta' Lewis għall-allegorija soċjali kif saħaq huwa stess meta ddeskriva xogħlu bħala dramm li primarjament huwa intenzjonat biex jipprovdi kumment dwar is-soċjetà u l-kriżi tal-individwalista li jitħajjar jgħammar fiha. Apparti d-diversifikazzjoni ovvja tal-ġeneru, Ebejer imur lil hinn mir-rumanz ta' Lewis ukoll minħabba l-udjenza li kellu f'moħħu waqt il-proċess tal-kitba. Lewis kiteb letteratura predominalment għat-tfal, għalkemm ħadd mhu se jżomm lill-adulti milli jaqrawha. Anke l-karattri ewlenin ta' Lewis huma tfal. Mill-banda l-oħra, f'*Menz* jeżistu biss karattri adulti u l-udjenza mixtieqa hija deċiżament adulta, udjenza li ppermettiet lid-drammaturgu biex jelabora l-imsemmija aspetti kumplessi bħat-teorija ta' Edipu u l-ewtanażja. Probabbilment din il-kontradistinzjoni hija dovuta għall-fatt li f'*The Lion, the Witch and the Wardrobe* Lewis jittratta l-fażi tal-bidu tal-ħajja umana bil-protagonisti li jibdew jimirħu fid-dinja allegorika li jixħethom fiha, filwaqt li Ebejer assimetrikament jittratta l-fażi tat-tmiem il-ħajja umana, b'karattru ewlieni għajjien bit-toqol taż-żmien u li saħansitra jċedi għal dal-piż u jmut fl-aħħar tad-dramm. Fi dramm suċċessiv, *Il-Ġaħan ta' Binġemma*, Ebejer reġa' qabad narrattiva popolari tat-tfal u mmetamorfizzaha fi dramm li huwa mifhum aħjar mill-kbar. Ebejer kompla jseddaq l-oriġinalità ta' xogħlu billi elabora tema oħra li hija aktar idonea għall-pubbliku matur – it-tema tal-kumplessità relazzjonali, tema li fi kliem Oliver Friggieri hija *leitmotif* ewlieni tiegħu.[14] Apparti r-relazzjoni skabruża bejn Menz u l-omm (immaġinarja) li ġie jfittex, Ebejer jiffoka fuq ir-relazzjonijiet amorużi, speċifikament fuq it-trijangolu relazzjonali, fundamentali għad-dramm, bejn Ġorġ, Tereża, u Razz. Tereża taqdi funzjoni binarja f'dawn iż-żewġ settijiet ta' relazzjonijiet – hija tassumi r-rwol ta' omm għal Menz u ta' sieħba (spiritwalment) għal Ġorġ u (fiżikament) għal Razz.

Fil-konfini ristretti ta' dan l-istudju, ridt nistħarreġ il-possibbiltà li d-dramm *Menz* jitqies bħala xogħol letterarju li ispira ruħu minn

14 Oliver Friggieri, *Dizzjunarju ta' Termini Letterarji* (Malta, 2000), 412.

xogħol speċifiku ieħor iżda li waqt il-proċess kreattiv tal-kitba tiegħu, l-awtur seħħlu joħloq biċċa letteratura ġdida u unika. Apparti l-motiv tat-trijangolu amoruż intrikat u l-eżawriment tal-motiv Edipiku li jbegħduh bis-sħiħ mir-rumanz ta' Lewis, fid-dramm Ebejerjan jispikka karattru partikolari: Razz, il-karattru essenzjali u distint mill-bqija, il-konformista li fil-final drammatiku jsir il-benjamin tal-individwalisti. Huwa l-karattru tond per eċċellenza li fil-fehma tiegħi jikkontribwixxi l-aktar għall-oriġinalità tad-dramm, l-iprem kriterju li skont kritiċi internazzjonali[15] jikkwalifika xogħol letterarju għall-akkwiżizzjoni ta' status kanoniku. Għalkemm *Menz* xi drabi jinqabeż fil-ġerarkija tal-aqwa drammi ta' Ebejer, l-inklużjoni tiegħu fis-sillabu tal-letteratura Maltija tagħtih attenzjoni ġdid u għarfien mistħoqq. Il-qari mill-ġdid tad-dramm, anke fid-dawl tas-somiljanza mar-rumanz imsemmi f'dan l-istudju, jerġa' jtella' fil-wiċċ l-għan ewlieni li aktarx kellu f'moħħu d-drammaturgu meta kitbu – l-għan li l-pubbliku jingħata l-opportunità biex iġarrab mument, forsi llum dan il-mument qed isir rari iktar minn qatt qabel, ta' awtoriflessjoni bil-possibbiltà li jasal għal eżami tal-kuxjenza. L-esplorazzjoni ta' temi personali u soċjali tipprovoka l-analiżi eżistenzjali tal-funzjonalità, jew in-nuqqas tagħha, tal-individwi fi ħdan il-qafas soċjali u kif dan tal-aħħar jeżerċita l-influwenza tiegħu biex jikkontrollahom. Fuq kollox, Ebejer, bħal Lewis, jitfa' t-tama tiegħu fir-reżiljenza umana;[16] bit-tmiem intelliġenti u ambivalenti tiegħu, Ebejer jissuġġerixxi li ċ-ċirkostanzi miżeri mgħixa mill-karattri ta' *Menz* appik li se jinbidlu għall-aħjar. Nagħlaq billi nappella lil dawk li għandhom għal qalbhom it-teatru, biex jagħtu ċans, imqar għal darba oħra, lill-udjenza biex tesperjenza dan ix-xogħol tal-aqwa moħħ teatrali Malti bħala dramm imtella' fuq il-palk u mhux biss bħala test drammatiku moqri fi ktieb.[17]

15 Kull forma ta' oriġinalità letterarja għandha l-potenzjal li ssir parti mill-kanonu, Harold Bloom, *The Western Canon* (New York, San Diego, & London, 1994). Sabiex jiddeskrivi x'jifhem b'oriġinalità, Bloom jintroduċi l-kunċett tal-'istramberija kanonika' bħala l-kriterju jew il-kundizzjoni li timmarka l-mertu letterarju ta' xogħol.

16 Interessanti l-għażla tal-isem 'Menz' – kunjom Ġermaniż li jfisser 'saħħa' u 'qawwa' (skont *Dictionary of American Family Names*, Oxford, 2013). Menz, minkejja l-mument ta' dgħufija f'Att 2, jibqa' b'saħħtu u qawwi fir-rieda għax sal-aħħar nifs ta' ħajtu jibqa' ma jikkomformax mal-impożizzjoni tas-soċjetà billi jirrifuta l-konsum tal-pasti.

17 Dan id-dramm ittella' fl-1967 u fl-1991. Sfortunatament, eluf ta' studenti studjaw *Menz* bħala test moqri imma qatt ma kellhom l-opportunità jarawh fuq il-palk.

**David Aloisio** is senior lecturer of Maltese language and literature at the University of Malta Junior College. Presently, he is reading a PhD with the University of Malta entitled 'Dialectic of the Canon: the Maltese Literary Context'. He has participated in conferences, wrote papers, and published books mostly related to the teaching of Maltese literature. In 2015 he won a national award for his satirical work *Only in Ħal Biżarr* as best original work in the category of books for adolescents. His research interests are focused on the relationship, often anxious, between literary works and how they are organized, consciously or unconsciously, by the collective psyche in unofficial lists or else in literary canons.